



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

8892/20

FISC 132
ECOFIN 510

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8375/20	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-progress miksub fi kwistjonijiet ta' taxxa matul il-Presidenza Kroata

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet dwar dan t'hawn fuq approvati mill-Kunsill bi proċedura bil-miktub fis-16 ta' Ġunju 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-progress miksub fi kwistjonijiet ta' taxxa matul il-Presidenza Kroata

I. Fir-rigward tar-rappurtar regolament lill-Kunsill Ewropew dwar kwistjonijiet ta' taxxa, il-Kunsill:

1. JAPPROVA r-Rapport tal-Kunsill (ECOFIN) lill-Kunsill Ewropew dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (dok. 8450/20) li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-progress miksub fil-Kunsill matul it-terminu tal-Presidenza Kroata;

II. Fir-rigward tal-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), il-Kunsill:

1. JILQA' l-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta matul il-Presidenza Kroata u JAPPROVA r-rapport kif jinsab fid-dok. 8374/20;

2. JISTIEDEN lill-Grupp jissokta bil-ħidma tiegħu fil-qafas tal-pakkett ta' ħidma pluriennali tiegħu għall-2018 (dok. 10420/18);

3. JAGĦRAF li s-sitwazzjoni ta' emerġenza tas-saħħa pubblika li għaddejja tal-COVID-19 kellha impatt fuq l-abbiltà ta' ħafna ġurisdizzjonijiet li jieħdu impenji ġodda jew li jwettqu l-impenji passati tagħhom, kif ukoll fuq il-metodi ta' ħidma ġenerali tal-Grupp;

4. Għalhekk HU TAL-FEHMA li t-tlestija ta':

- l-iskrinjar tal-ġurisdizzjonijiet li għandhom fis-seħħ sistemi ta' eżenzjoni tad-dħul minn sorsi barranin;
- il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-istandard minimu kontra l-BEPS tar-rappurtar għal kull pajjiż (CbCR) (il-kriterju 3.2), u
- l-iskrinjar tat-tliet ġurisdizzjonijiet miżjuda mal-ambitu ġeografiku tal-eżerċizzju ta' elenkar tal-UE fl-2019;

għandha tiġi posposta sa meta l-Grupp iqis li ċ-ċirkostanzi jippermettu li ġurisdizzjonijiet oħra jintalbu jieħdu impenn li jindirizzaw in-nuqqasijiet ikkonċernati;

5. JISTIEDEN fl-istess ħin lill-Grupp biex jirrakkomanda aġġornament tal-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa fil-Kunsill ECOFIN ta' Ottubru 2020 bil-għan li:
 - jitneħħew mil-lista ġurisdizzjonijiet li ħarsu l-impenji tagħhom;
 - jiġu estiżi skadenzi tal-Anness II fejn meħtieġ; u
 - jitqiesu l-valutazzjonijiet il-ġodda bejn il-pari tal-Forum Globali skont il-kriterju 1.2;
6. JISTIEDEN, barra minn hekk, lill-Grupp biex:
 - ilesti sa tmiem l-2020, ir-rieżami tad-data ekonomika għall-għażla ta' ġurisdizzjonijiet skont il-proċess ta' elenkar tal-UE, abbażi ta' Tabella ta' Valutazzjoni aġġornata mis-servizzi tal-Kummissjoni, bil-ħsieb li jiġi rieżaminat l-ambitu ġeografiku tal-eżerċizzju ta' elenkar tal-UE sa nofs l-2021;
 - jkompli d-diskussjonijiet dwar il-kriterju futur 1.4 (skambju ta' informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja);
7. JAGĦRAF id-diskussjonijiet li għaddejjin dwar ir-riżultati tal-proċess ta' elenkar tal-UE u JILQA' aktar diskussjonijiet dwar din il-kwistjoni;
8. JAPPROVA l-valutazzjonijiet tal-istatus quo maqbula mill-Grupp u JITLOB ukoll lill-Grupp biex sa tmiem l-2020 ilesti l-monitoraġġ tal-istatus quo tal-miżuri notifikati mill-Istati Membri fl-2019, il-monitoraġġ tal-Linji Gwida dwar il-kondizzjonijiet u r-regoli għall-ħruġ ta' deċiżjonijiet dwar it-taxxa u biex ikompli jissorvelja l-implimentazzjoni tal-iżmuntar;
9. JISTIEDEN lill-Grupp jirrapporta lura lill-Kunsill dwar il-ħidma tiegħu matul il-Presidenza Ġermaniża.